MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2004

Numru 671/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pio Pisani)**

**vs**

**Clint Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-l-akkuzi kontra l-imputat Clint Calleja bin Bernard u Sylvana xebba Borg Bonaci, imwieled Pieta, detentur ta' karta ta' identita' numru 570083(m), akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer u cioe' f'Islet Promenade, San Pawl il-Bahar, nhar l-1 ta' Lulju 2001 ghal habta ta' 2200 hrs minghajr il-hsieb li joqtol lil Ashley Falzon Bakebread jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem u cioe' kkaguna

‘soft tissue’ injury fil-lemin u xellug ‘periodical region’, ‘fracture fl-assett nasali, li hsara fil-gisem hija gravi ghaliex iddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien u dan kif iccertifika t-tabib Dr. Edward Despott M.D – Artikolu 214, 215, 216(d) tal-Kap 9;

2. fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor –Artikolu 338(m) tal-Kap 9;

3. fl-istess post, data, hin u cirkostanzi qal kliem oxen jew indecenti, ghamel atti u gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor –Artikolu 338 (bb) tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ soma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament (fol.7) mhux opposta;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-Qorti ser titratta l-ewwel l-offiza l-aktar serja tal-ferita gravi.

Fil-fatt fuq l-iskorta tal-istess provi l-Qorti tara li din l-akkuza giet u tinsab sodisfacjentement pruvat, cioe’, li l-ferita fl-assett nasali tal-parti leza giet lilu prokurata mill-imputat fil-kollutazzjoni li sehhet bejnithom fejn il-‘bumping cars’ prokurata mill-imputat fil-kollutazzjoni li sehhet bejnithom fejn il-‘bumping cars’ gewwa Bugibba. Jirrisulta li din il-kollutazzjoni kienet segwitu ta’ diverbju li kien gara aktar kmieni f’dik il-gurnata meta iz-zewg protagonisti f’din

il-kawza kellhom argument bejnithom li kien pero’ ristrett filli ghajru lil xulxin. Fil-kuntest ta’ dan id-diverbju huwa mmaterjali minn ghajjar lil minn l-ewwel stante li dan l-incident kien waqaf hesrem minghajr ebda konsegwenzi. Issa l-imputat stess meta ha l-pedana tax-xhieda ta’ deskrizzjoni ta’ kif beda l-incident ta’ filghaxija u qal, li hemmhekk kien innota lill-kwerelant ihares lejh bl-ikrah u hu mar fuqu ghas-sodisfazjon (kliem testwali tal-imputat). Kompla jghid li “hemmhekk ghidtlu x’qed thares, ma neskludiex li ma zidtx xi kelma forsi barra minn lokha, u huwa minnu wkoll li dawn il-kliem ghidthomlu bir-rabja. Dak il-hin huwa rrispondieni b’insult u jiena rriciprokajtlu. Hemmhekk jiena ghamiltlu idejjha ma’ wiccu u hemmhekk hebbejna ghal xulxin…..Mistoqsi jekk jiena tajtx xi daqqa ta’ ponn fuq Ashley nghid illi jiena iggilidt pero ma nistax nghid jekk tajtux verament jew le xi daqqa ta’ ponn”. Mix-xhiedha tal-persuni presenti u li xehdu f’dawn il-proceduri din il-qorti hi sodisfatta li l-imputat ta’ id-daqqa ta’ ponn u konsegwenza taghha l-kwerelant sofra il-ksur fl-assett nasali.

Illi dwar jekk il-ferita hi klassifikabbli bhala gravi l-Qorti tistrieh fuq ix-xhieda tat-tabib (fol 63) li kien l-ewwel li mmedika lill-kwerelant meta dan iddahhal l-emergenza l-isptar San Luqa u rriskontralu ksur fl-ghadma tal-imnieher li kklassifikha bhala gravi. Jirrisulta fil-fatt li l-fejqan irrikjeda perjodu ta’ bejn tlett gimghat u xahar. Fil-kuntest ta’ din il-ferita, senjatament ghall-konsegwenzi li halliet, gew esebiti ‘ex parte’ zewg certifikati medici li pero’ baqaw ma gewx konfermati mill-konsulenti medici li rrilaxxjahom b’dan li difficilment jikkostitwixxu u jistaw jittiehdu bhala prova valida u univoka tal-kontenut taghhom.

Illi fir-rigward l-offizi kontravenzjonali dik bazata fuq l-Artikolu 338(bb) ma tirrizultax fis-sens li fl-ebda xhieda ma ssemma xi kliem oxen jew indecenti u/jew ukoll xi atti jew gesti oxxeni li qal jew ghamel l-imputat. Certament il-kelma ‘pufta’ hi parti mill-lessikologija maltija, f’dati cirkostanzi b’konnotazzjonijiet dispreggattivi, izda li ma’ hiex la oxxena u lanqas indecenti.

Illi dwar l-offiza kontravenzjonali l-ohra hemm l-estremi tal-esistenza taghha billi l-glieda gibdet nies ohra, saret fl-apert fejn jingabru n-nies u giet irrapurtata lis-sid il-‘bumping cars’ li mar jinnvestiga.

Ghaldaqstant u nghad dan il-Qorti qeghdha tiddecidi l-kawza billi fil-waqt li tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni qeghdha issibu hati tal-ewwel u t-tieni. Rat fir-rigward l-Artikolu 214, 215, 216(d), 338(m), u 17 tal-Kap 9, qieset ic-cirkostanzi, l-fedina penali nadifa tal-imputat, u s-sehem li kellu l-parti leza fl-incident in kwistjoni, u tiddecidi li rigward it-tieni imputazzjoni twahlu ammenda ta’ Lm 20 waqt li ghall-ewwel imputazzjoni tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tillibera lill-imputat ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum taht il-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor f’dan il-perjodu.

Rigward it-talba ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 il-Qorti mhux qeghdha tara li fic-cirkostanzi ghandha tapplikah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------